# Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## RIK NRU 140/2022: **RIMUS TRADING AGENCY LIMITED (C20020) V. MAIN STORE FOODS LTD (C93592) U NICOLE XUEREB (KI. 383787M)**

(AMMONT DOVUT – IS-SOLIDARJETA' M'HIJIEX PREŻUNTA F'OBBLIGAZZJONIJIET ĊIVILI IŻDA HIJA PREŻUNTA GĦALL-GARANTI TA' OBBLIGAZZJONIJIET KUMMERĊJALI UKOLL JEKK MA JKUNX KUMMERĊJANT)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**23 ta' Ottubru 2023**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' Rimus Trading Agency Limited[1] ("il-kumpanija rikorrenti" jew "ir-rikorrenti") ippreżentat fit-8 ta' Lulju 2022 li permezz tiegħu talbet lil Main Store Foods Limited ("il-kumpanija intimata") u lil Nicole Xuereb ("l-intimata") – flimkien "l-intimati" - jgħid 'l għaliex m'għandomx jidhru fid-data appuntata għas-smiegħ:

> **'u tghidu ghaliex ma ghandkomx tkunu ikkundannati, solidalment u indivizibilment bejnietkom, thallsu lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta' ghaxart elef u disa' mija u hamsa u hamsin Euro u hamsin centezmi (€10,955.50c) rapprezentanti l-bilanc tal-prezz ta' merkanzija lilkom mibjugha u konsenjata.**
>
> **Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numerat li gie prezentat kontestwalment, u bl-imghax kummercjali b'effett mit-2 ta' Dicembru 2020, li hija d-data ta' l-ahhar konsenja, sad-data tal-effettiv pagament, kontra l-intimati li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni'**

[1] Fol 1

wara li rat ir-risposta tal-intimati ppreżentata fil-25 ta' Ottubru 2022[2] li permezz tagħha eċċepew kif ġej:

1) Illi preliminarjament id-dejn mitlub ma sar bl-ebda konnessjoni ma Nicole Xuereb.

2) Illi d-debitur principali ta' dan id-dejn hija s-Socjeta Main Store Foods Ltd

3) Illi l-konvenuta Nicole Xuereb dahlet biss bhala direttur manigerjali ta' din il-kumpanija wara d-demora ta zewgha Christopher Xuereb fis-sena 2019 u dan kif ser jirrizulta aktar car waqt it-trattazzjoni tal-kaz odjern.

4) Illi Nicole Xuereb ma tistax tinzamm bhala garantor ta tale dejn mis-Socjeta Rimus Trading Agency Limited.

5) Illi l-ebda cheque ma qatt hareg favur is-Socjeta rikorrenti minghand Nicole Xuereb u ghalhekk il-konvenuta ma accettat qatt illi tale dejn huwa taghha u ghalhekk mhix il-legittima kontradittrici.

6) Illi anke kieku jirrizulta li nhareg xi cekk mill-konvenuta Nicole Xuereb dan ma jfissirx illi id-debitu huwa taghha personalment.

7) Di piu skond l-Artikolu 1929 tal-kodici Civili il-garanzija ma tistax tkun prezunta izda ghandha tkun espressa.

8) Illi l-konvenuta Nicole Xuereb ma tistghax tinzamm responsabbli personalment ghal tale dejn jekk dejjem jirrizulta stante illi ma kenitx topera minn tale kumpanija appena sar tale dejn.

9) Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

wara li semgħet ix-xhieda u fejn applikabbli qrat it-traskrizzjoni tat-testimonjanza tagħhom,

wara li rat l-atti kollha proċesswali,

[2] Fol 8-9

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Is-somma mitluba mir-rikorrenti tirrappreżenta prezz ta' merkanzija mibjugħa u kkonsenjata lill-kumpanija intimata Main Store Foods Ltd. Mill-affidavit ta' **Christopher Ciappara**[3], *Chief Financial Officer,* u **Sabrina Micallef Schiavone**[4], *impjegata,* jirriżulta *inter alia* illi:

    i. l-oġġetti mibjugħa kienu prodotti tal-ikel;
    ii. l-oġġetti nbiegħu mill-15 ta' Settembru 2020 sat-2 ta' Marzu 2021;
    iii. fl-10 ta' Diċembru 2019 l-intimata Nicole Xuereb, fil-vesti tagħha ta' direttur tal-kumpanija intimata, iffirmat *credit application form*[5] fejn apparti li permezz tagħha l-kumpanija ingħatat *credit terms* ta' disgħin ġurnata, l-istess intimata aċċettat ukoll illi tintrabat personalment *in solidum* mal-kumpanija intimata għall-obbligazzjonijiet tagħha inkluż l-obbligazzjoni ta' ħlas tal-prodotti mixtrija mill-kumpanija rikorrenti.

2. Minn dak li ddikjara **Mirco Grech**[6], *delivery man* impjegat mar-rikorrenti, u mill-fatt illi ma kienx hemm kontestazzjoni f'dan ir-rigward mill-intimati, m'hemmx dubbju illi l-oġġetti elenkati fil-fatturi a fol 24-28 tal-proċess ġew filfatt mibjugħa u ikkonsenjati lill-kumpanija intimata fuq ordnijiet tagħha stess.

3. Imbagħad fis-seduta tat-23 ta' Ottubru 2023 l-intimata **Nicole Xuereb** xehdet illi kienet qed tikkonferma illi hija kienet iffirmat il-*credit application form in* kwistjoni.

4. Huwa ċar, anke mir-risposta tal-intimati nfushom, illi l-ammont mitlub huwa dovut mill-kumpanija intimata u li nqabżu d-disgħin (90) ġurnata kreditu li kien offrut lilha permezz tal-ftehim in kwistjoni.

5. L-intimata qed tikkontendi però illi dan huwa dejn ċivili u hija ma għandha tagħti xejn għaliex il-garanzija ma tistax tkun preżunta.

6. L-Artiklu 1089 tal-Kap. 16 jipprovdi illi:

[3] Fol 23-33
[4] Fol 34-39
[5] Fol 30-33
[6] Fol 44

> **'1089. Ma jitqiesx li hemm solidarjetà. Jekk ma tkunx iddikjarata mil-liġi, għandha tkun miftiehma espressament.'**

7. Issa f'dan ir-rigward anke jekk *gratio argomenti* d-dejn kien ta' natura ċivili, xorta ħareġ mill-provi illi l-intimata obbligat ruħha personalment *in solidum* mal-kumpanija intimata għall-ħlas tal-prodotti mixtrija mingħand il-kumpanija rikorrenti. F'dan ir-rigward l-Art. 1934 u 1935 tal-Kap. 16 jipprovdu kif ġej:

> **'1934. Il-garanti hu obbligat biss iħallas meta jonqos id-debitur prinċipali, illi qabel xejn għandu jiġi eskuss fuq il-beni tiegħu.**
>
> **1935. Il-benefiċċju tal-eskussjoni ma jgħoddx**
> **(a) jekk il-garanti jkun irrinunzja għal dan il-benefiċċju;**
> **(b) jekk il-garanti jkun <u>obbliga ruħu in solidum</u> mad-debitur;**
> **(ċ) jekk id-debitur jista' jagħti eċċezzjoni personali, bħal dawk imsemmija fl-artikolu 1926;**
> **(d) jekk id-debitur ikun sar mhux solvibbli.'**

8. Fil-verità però ftit jista' jkun hemm dubbju illi l-bejgħ tal-istess oġġetti tal-ikel ma kienx għall-konsum personali tad-diriġenti tal-kumpanija imma kien għal skopijiet kummerċjali u li l-obbligazzjonijiet in kwistjoni kienu ta' natura kummerċjali u għalhekk *atti tal-kummerċ* ai termini tal-Art. 5 tal-Kap. 13 tal-Liġijiet ta' Malta.

9. Ai termini tal-Art. 115 tal-Kap. 13 tal-Liġijiet ta' Malta:

> **'115. (1) Fl-obbligazzjonijiet kummerċjali, hu preżunt, jekk ma jkunx hemm ftehim kuntrarju, li l-ko-debituri huma obbligati in solidum.**
>
> **(2) L-istess preżunzjoni tgħodd għall-garanti, ukoll jekk ma jkunx kummerċjant, illi jagħmel tajjeb għall-obbligazzjoni kummerċjali.'**

10. Għalhekk huwa ċar illi l-intimata hija ukoll debitriċi tal-kumpanija rikorrenti għall-istess ammont dovut mill-kumpanija intimata. Dan ifisser illi r-rikorrenti kellha għażla li tagħżel min għand min titlob l-ammont dovut lilha u fil-fatt għażlet illi tagħmel it-talba kontra ż-żewġ debituri *in solidum.*

**Deċiżjoni**

**Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiddisponi minn din il-kawża billi filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimati, tilqa' t-talbiet tal-kumpanija rikorrenti, tiddikjara li**

**l-intimati huma debituri *in solidum* tal-kumpanija rikorrenti fis-somma ta' għaxart elef, disa' mija u ħamsa u ħamsin euro u ħamsin ċenteżmu (€10,955.50) rappreżentanti l-bilanċ tal-prezz ta' merkanzija mibjugħa u kkonsenjata lill-kumpanija intimata u tikkundanna lill-istess intimati jħallsu din is-somma lill-kumpanija rikorrenti flimkien mal-imgħax u l-ispejjeż kif mitluba.**

**V.G. Axiak** **Y.M. Pace**

**Maġistrat** **Dep. Reġistratur**